**2 ta' Settembru, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E.,K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Kent et. ne.

*versus*

Vincent Pulè et.

**Dgħajsa tal-Passiġġieri — Bastiment — Art.5(f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-kelma "bastimenti" fil-kontest tal-art. 5(f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, imqabbel dak il-kontest ma' kontesti oħrajn fl-istess Kodiċi, ma tikkontemplax anki dgħajjes tal-passiġġieri. Għaldaqstant, il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' domanda għall-konsenja ta' dgħajsa tal-passiġġieri kontra l-imgħallem li ħadimha, u li lilu kienet ġiet ordnata, hija l-Qorti Ċivili.*

Deċiża fil-meritu b'sentenza (Appell) tas-7 ta' Settembru 1959 (publikata).

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi qalu li, billi l-Organizzazzjoni u l-Kumitat rappreżentat minnhom huma proprjetarji tad-dgħajsa ("Fancy Boat" s.5051 u tliet imqadef li jinsabu fil-pussess tal-konvenut Anthony Busuttil; u billi l-Kumitat tal-istess Organizzazzjoni kien ordna d-dgħajsa ("Passenger Boat") 304 għand il-konvenut Vincent Pulè bil-prezz ta' £144, li minnhom huwa ħallas is-somma ta' £75 akkont u offra l-bilanċ ta' £70 lill-istess konvenut, u dan inġustament irrifjutah, kif ukoll irrifjuta jikkonsenja l-istess dgħajsa, u għalhekk huma ddepożitaw l-ammont imsemmi ta' £70 fir-Reġistru ta' din il-Qorti b'ċedola nru. 179/59; talbu li, previa jekk ikun hemm bżonn id-dikjarazzjoni li l-Kumitat rappreżentat minnhom huwa leġittimament kostitwit u jirrappreżenta esklużivament l-Organizzazzjoni tar-Regatta Nazzjonali fil-Kalkara, u illi l-istess Organizzazzjoni hija

proprjetarja tad-dgħajjes u mqadef imsemmija, u illi d-depożitu fuq imsemmi huwa validu skond il-liġi, il-konvenuti, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġu minn din il-Qorti kundannati li jikkonsenjaw, fi żmien qasir u perentorju, id-dgħajjes u l-imqadef fuq imsemmija f'idejhom (l-atturi) nomine. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' qbid tal-24 ta' Awissu 1959, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Anthony Busuttil, illi oppona li l-ġudizzju mhux integru, għax il-leġittimi kontradittturi f'din il-kawża għandhom ikunu l-Assoċjazzjoni u/jew il-Kumitat li ddepożitaw għand l-eċċipjent il-"Fancy Boat" nru 5051, lejn liema Assoċjazzjoni u/jew Kumitat l-eċċipjenti huwa legalment obligat u responsabbli bħala depożitarju; u illi l-imqadef huma ta' proprjetà esklużiva tal-eċċipjenti, u għalhekk id-domanda tal-atturi relattiva hija nfondata;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Vincent Pulè, li preliminarjament oppona l-inkompetenza ta' dik il-Qorti li tieħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae", billi l-eċċipjenti huwa kummerċjant u l-oġġetti in kwistjoni jiffurmaw parti mill-mestjer attwali tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Awissu 1959, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-inkompetenza opposta mill-konvenut Vincent Pulè, in kwantu d-domanda hija diretta kontra tiegħu għad-dgħajsa "Passenger Boat", billi ddikjarat li mhix kompetenti "ratione materiae" li tieħu konjizzjoni tat-talba in kwantu diretta kontra l-konvenut Vincent Pulè, bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza;

Irriżulta illi l-imsemmi Vincent Pulè minn żmien tletin sena huwa kostruttur ta' dgħajjes, u li ħadem id-dgħajjes, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, meta anki kellu miegħu tliet impjegati jgħinuh, u ġie li ħadem dgħajjes fuq ordinazzjoni, u ġie li lestihom minn rajh u wara biegħhom;

Għalhekk, għal din ix-xorta ta' operazzjonijiet fost-hom ix-xogħol tad-dgħajjes in kwistjoni, il-konvenut Pulè jagħmel, bi professjoni tiegħu, attijiet ta' kummerċ kon-

sistenti f'operazzjonijiet dwar "bastimenti" — "vessels" — mingħajr distinzjoni, u b'hekk huwa kummerċjant (art. 4, 5(f) Kod. Kummerċ);

L-allegat *nuqqas tal-istess konvenut li jikkonsenja* lill-attur id-dgħajsa nru. 304 "Passenger Boat", li l-atturi nomine jallegaw li ordnawlu u ħallsu tagħha £75 akkont, u ddepożitaw il-bilanċ, jikkostitwixxi operazzjoni konnessa mal-attijiet kummerċjali tal-istess konvenut. B'hekk dil-Qorti mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talba "*ratione materiae*", kif diretta għall-konsenja mill-konvenut ta' dik id-dgħajsa;

Rat ir-rikors tal-atturi tal-1 ta' Settembru 1959, li bih talbu li din il-Qorti tiddikjara definittivament liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti mhix soddisfatta illi l-kelma "bastimenti" fil-kontest tal-art. 5(f) tal-Kodiċi Kummerċjali, imqabbel dak il-kontest ma' kontesti oħrajn fl-istess Kodiċi (p.e. art. 6 u Taqsima II), tikkontempla dgħajjes bħal dik in kwistjoni;

Il-Qorti lanqas hi soddisfatta illi l-kontroversja tirrigwarda att kummerċjali għar-rigward tal-konvenut Pulè;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Awissu 1959, tiddikjara illi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u tordna li l-atti jiġu rinvijati lill dik il-Qorti;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut Pulè.

---